1732

# TEATRU MANOEL

## MALTA'S NATIONAL THEATRE



# PROGRAMME 2004 - 2005

## Building a future - with respect for the past.

The Lm140 million Midi Project will see the redevelopment of both Manoel Island and Tigné Point. This will include one of the largest restoration programmes ever undertaken in Malta which will ensure the revitalization of some of the most important historic landmarks in the Sliema and Marsamxetto harbour area.



**Fort Manoel** – The main focus of the Manoel Island phase where some Lm3.7 million will be spent on returning this magnificent 18th century building to its former glory. Works have now commenced to the Polverista, the Gun Placements and the Notre Dame Cavalier.



**Lazzaretto** – Formerly Malta's quarantine hospital and the gateway to Malta for generations of travellers. Once restored it will host a number of quality cultural and entertainment facilities.



Fort Manoel -1726

MIDI

Tel: (+356) 2134 2275 Fax: (+356) 2134 2289
www.midimalta.com

TIGNE POINT

Tel: (+356) 2133 1999 Fax: (+356) 2131 2460
www.tignepoint.com


TEATRU MANOEL

bil-kooperazzjoni ta'

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI

jippreżenta

Dramm ġdid ta' **Vincent Vella**

# SAWLU

Direzzjoni: **Josette Ciappara**

Mużika: **Ruben Zahra**

**Teatru Manoel**
**Is-Sibt u l-Ħadd, 7 - 8 ta' Mejju 2005**

## MANOEL THEATRE MANAGEMENT COMMITTEE

| | |
|---|---|
| CHAIRMAN | Wilfred Kenely |
| MEMBERS | Alfred Buttigieg, Giselle Calleja, Maria Ghirlando, Salv Stellini, Michael Cutugno, Jon Rosser, Chris Mifsud. |
| ARTISTIC DIRECTOR | Tony Cassar Darien |

## MANOEL THEATRE SPONSORS

**The Committee is proud to be associated with these sponsors:**
Bank of Valletta, Central Bank, Enemalta Corporation,
Ministry of Foreign Affairs.

## BOOKING OFFICE

| | |
|---|---|
| OPENING HOURS | 116, Old Theatre Str., Valletta, VLT 07.<br>Mon to Fri: 10.00am - 12.30pm & 5.00pm - 7.00pm,<br>Saturday: 10.00am - 12.00 noon |
| RESERVATIONS | Tel: 21 246389 • Fax: 21 237340 |
| ON-LINE BOOKINGS | www.teatrumanoel.com<br>bookings@teatrumanoel.com.mt<br>Tickets to be collected within 48 hours |
| PAYMENTS | Accepted by cash, cheques and major credit cards (Quikcash; Electron; Visa; Mastercard; Eurocard) |
| BOOKING | On day of performance, tickets can be purchased one and a half hours before commencement. |

Performances start at 7.30pm Mondays to Sundays. Latecomers have to wait for a suitable pause in the programme before being ushered to their seats. The Verdi Room in the foyer includes a close-circuit television where one may view the performance. The management reserves the right to alter the programme and the performance time of any production.

## FORTHCOMING EVENTS

*Tuesday 10th to Saturday 14th May*
**Festa Barokka** – "Baroque Connections" *(for details please see page 12 of this programme).*

*Friday 20th to Sunday 22nd May; Friday 27th to Sunday 29th May*
**The Secret Garden**, Marshal Norman & Lucy Simon, *ActReact.*

*Tuesday 24th May*
Violin virtuoso **Massimo Quarto** plays Paganini's Capriccios, *Italian Cultural Institute.*

*Programme editor: Victor Fenech*

Cover Photo | Patrick Fenech





WWW.ROLEX.COM ROLEX

elcol
EDWARDS, LOWELL COMPANY LIMITED
SINCE 1925
7, Zachary Street, Valletta. Tel: +356 2124 7447. Fax: +356 2123 7750. E-mail: info@elcol.com.mt



# MANOEL THEATRE *history*

The Manoel is now reputed to be the oldest public European theatre still functioning within its original structure. It is a Founder-Member of PERSPECTIV, the Association of Historic Theatres in Europe.

Built on the initiative of Grandmaster Manoel de Vilhena, it was inaugurated on January 19, 1732, with Scipione Maffei's tragedy *Merope* acted by the Italian Knights. It was meant to be an all-purpose theatre, a cultural and entertainment centre for plays, operas, cantatas and comedies, as well as other spectacles and Carnival balls. Hence its Latin inscription, which means *For the honest recreation of the people.* The continuous theatrical exchange between Naples, Palermo and Valletta made the Manoel a natural stepping stone for aspiring artists "to step up the ladder leading to La Scala or Covent Garden".

When the Knights departed, at the close of the 18th century, the French under Napoleon moved in. When they were expelled the British took over. During the first half of the 19th century the Manoel presented a nine-month cycle of lyric opera. The inauguration of the Royal Opera House on October 9, 1866 (where in the 30's David Niven did his first acting) overshadowed and subsequently engulfed the Manoel. The bombing and complete destruction of the Royal Opera House on April 7, 1942, ironically restored the Teatru Manoel's importance. After a radical renovation the Teatru Manoel reopened on December 23, 1960, with a splendid performance of Delibes' *Coppelia* by the Ballet Rambert.

Since then the Manoel has seen a continual development of facilities in order to improve standards. Among the more recent developments are the Sala Isouard which functions as a second auditorium suitable for chamber concerts, the Theatre Museum and the establishment of the theatre archives, the Café Diva and The Theatre Restaurant in the restored basement galleries, the innovatory retractable canopy over the courtyard making it an all-season functioning area, the orchestra pit lift which lends the stage further depth when needed, and the opening of a retailing outlet for the sale of theatre-related merchandise.

Above all, Teatru Manoel has grown in artistic stature and is today well known for the quality fare it offers its patrons. Amongst its international attractions are the BOV Opera Festival and the Baroque Festival (*Festa Barokka*).



## VINCENT VELLA, *Kitba*

Vincent Vella twieled il-Belt fl-1950 u llum jghallem fl-Università. Huwa beda bhala kittieb ta' novelli bl-Ingliż u bil-Malti li xi whud minnhom ġew ippubblikati u rebhu premjijiet kemm f'Malta kif ukoll barra. Ippubblika wkoll ir-rumanz *Inside The Horse* u ktieb ta' stejjer ghat-tfal imsejjah *Żiffa u Stejjer Obra* u, dan l-ahhar, *Bagalja Holm*, ġabra ta' żewġ drammi.

Beda jikteb xoghlijiet ta' drama fl-1994 u ghal erba' darbiet kien fost ir-rebbieha tal-'Konkors ta' Kitba ghall-Palk Premju Francis Ebejer', l-ahhar darba fl-2003 bix-xoghol *Sawlu*. Xi whud mid-drammi tieghu tellghu fit-Teatru Manoel u fit-teatru tal-Kavallier ta' San Ġakbu. Id-dramm *Ernesto Panza* rebah il-premju reġjonali ghall-Ewropa fil-konkors 'BBC World Service Radio Playwriting Competition, 1999' u xxandar fuq il-BBC World Service. Dan id-dramm ittella' fuq il-palk fl-2002.



## JOSETTE CIAPPARA, *Direzzjoni*

Josette Ciappara tharrġet bhala attriċi fl-MTADA fejn wara kienet tghallem u aktar tard tmexxi din l-entità. Bhala attriċi hadmet partijiet prinċipali f'diversi drammi/kummiedji, fosthom *Can't pay won't pay*, *Last of the Red Hot Rovers*, *Good Woman of Shezwan*, *Macbeth*, *Fredra*, *Antigone* u *Is-Sibt il-Hadd u t-Tnejn*. Fil-qasam tad-direzzjoni dderiġiet kemm *musicals* kif ukoll drammi u xoghlijiet ohra bhal *Andrelisa*, *It-Tfajla tal-Palazz*, *Is-Sultan tal-Hafjin*, *Best before End*, u *Il-Festa tal-Bandieri*. Ghamlet żmien twil membru fid-Drama Unit fejn kienet responsabbli minn proġetti tat-Teatru Edukattiv ghat-tfal ta' l-iskola: *b'xejn ghall-elfejn*, *Rare Earth* u *Cinderella*. Ikkoordinat festivals nazzjonali u internazzjonali bhall-'International Drama Festival 2003' u t-'Ten Minute Play Festival 2003', kif ukoll Dramafest 2004 u, f'Awissu li ġej, l-edizzjoni ta' din is-sena mtella' mill-Kunsill ghall-Kultura u l-Arti.



## RUBEN ZAHRA, *Mużika*

Bhala kompożitur Ruben Zahra hadem ghad-danza, it-teatru u l-film f'Malta, l-Italja, il-Korea t'Isfel, u l-Istati Uniti. Il-mużika orkestrali tieghu indaqqet mis-Slovak Philharmonic, il-Britten Sinfonia (UK) u l-Orkestra Nazzjonali ta' Malta. Fl-1998 huwa ggradwa fil-kompożizzjoni mill-Akkademja Nazzjonali tal-Mużika ta' Santa Cecilia f'Ruma. Fl-Italja huwa studja wkoll il-mużika ghall-films ma' Ennio Morricone. Fl-1999 huwa kien il-kompożitur wara l-proġett ETNIKA li kien twaqqaf biex jerġa' jqajjem l-istrumenti tradizzjonali Maltin. Il-mużika tieghu ixxandret fuq stazzjonijiet tar-radju f'Malta, Franza, il-Ġermanja, l-Ingilterra (BBC), l-Awstralja, l-Istati Uniti, il-Ġappun, ir-Russja u pajjiżi ohrajn. Uhud mit-*tracks* kisbu l-liċenzja biex ditti internazzjonali tar-rekording jikkompilawhom f'*World Music*. Fl-2000 Zahra mar l-Amerika biex jikseb il-Masters fil-kompożizzjoni mill-Mills College f'Oakland, Kalifornja. Fl-2002 huwa mar Los Angeles fejn qatta' sentejn jahdem bhala kompożitur fl-industrija tal-films ġewwa Hollywood.

# DWAR ID-DRAMM

***Vincent Vella:***

Dan l-aħħar xi ħadd ġibidli l-attenzjoni li issa, li ktibt numru ta' drammi, laqtu l-fatt li tema li tirrikorri għadd ta' drabi hija dik tal-poter - il-poter fil-ħafna sfumaturi tiegħu. F'dan id-dramm insibu lil Alibert li, għalkemm beda mix-xejn, bis-sewwa jew bid-dnewwa wasal sal-quċċata. Illum huwa Kardinal u Kanċillier tar-Re. Dik il-pożizzjoni hekk għolja tagħtih is-setgħa fuq il-ħajja u l-mewt ta' dawk ta' madwaru.

Alibert, għani u sid ta' kull ma jaqa' taħt idejh, iġemma' oġġetti prezzjużi, fosthom librerija kotba projbiti mir-Re u mill-għadu ewlieni tiegħu, l-Inkwiżitur. Ma' l-oġġetti jġemma' wkoll lin-nies. Isir il-patrun ta' Heronimu, kittieb tal-ħrejjef li xellef difru mar-reġim, kif ukoll il-protettur ta' Kjara, mara żagħżugħa u omm ta' tifel żgħir. B'hekk, dawk li qabel kienu namrati jerġgħu jiltaqgħu taħt is-saqaf tal-Kardinal. U Alibert l-għaxqa tiegħu jgħasses u jiddeieġi dak kollu li hu tiegħu donnu qed imexxi teatru tal-marjunetti.

*Sawlu* jesplora l-kontroll li s-setgħana jifirxu fuq dawk ta' taħthom u r-relazzjonijiet kumplessi u ambigwi li jinbtu f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Tinħoloq rabta ta' mibgħeda u fl-istess ħin ta' ġibda bħal dik ta' bejn priġunier u l-gwardjan tiegħu - rabta mimlija dipendenza u għadab li dejjem tiħrax u tiġdied sakemm jew tinfaqa' f'ribelljoni bla tama ta' fejda jew titmewwet u tkarkar hekk kif il-miskin jispiċċa jaċċetta u jċedi. Iżda r-reżistenza u s-sabutaġġ jafu jieħdu elf sura, anke l-iżjed waħda ġwejda u li ma tagħtix fil-għajn.

Id-dramm għandu sfond tas-sittax-il seklu li jagħtih rilevanza li tmur lil hinn minn xi post jew xi żmien partikulari. *Sawlu* hu dramm qawwi, b'elementi ta' biża' u ta' qilla hekk kif il-karattri jitgħallmu jissieltu ma' l-għefiered li jixirfu madwarhom u fil-fond ta' qalbhom. *Sawlu* rebaħ il-premju għall-'Konkors ta' Kitba Premju Francis Ebejer 2003' u ġie magħżul mill-Manoel Theatre Management Committee biex jittella' għall-istaġun 2004-2005 b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.

***Josette Ciappara:***

Din mhix l-ewwel darba li ħdimt fuq xogħol ta' Vince Vella. Fis-sentejn li għaddew kont sirt familjari sew mal-kitba tiegħu meta ħadna sehem f'LoġġaPalk. *Sawlu* hu dramm li jgħaddina minn ħafna emozzjonijiet u mumenti mqanqla. Jittratta dwar l-abbuż ta' min hu fil-poter. Is-sabiħ tiegħu hu li minkejja li d-dramm hu ambjentat fil-bidu tas-seklu 17, it-temi li jolqot għadna niltaqgħu magħhom kuljum. *Sawlu* joffri ritmi sbieħ u vjaġġ psikoloġiku interessanti li jagħti sfida qawwija lill-atturi biex jagħrblu x'hemm wara l-karattri ħajjin ta' dan id-dramm.

***Mir-Rapport tal-Ġurija:***

Bħala tema, il-paralleliżmu storiku dwar il-poter u l-oppressjoni hu interessanti u jħalli ċertu impatt. Il-kostruzzjoni hi tajba u d-djalogar jikkonvinċi b'reġistru konsistenti…it-tema mhux marbuta ma' xi perjodu storiku…l-awtur jirnexxilu jorqom tajjeb ħafna kull karattru…Dramm intelliġenti li juża l-ewwelnett il-lingwa tajjeb ħafna.

# INTERPRETI U KRU TEKNIKU

*Karattri u interpreti*

| | |
|---|---|
| Heronimu | Anthony Ellul |
| Alibert | Manuel Cauchi |
| Kjara | Stephanie Farrugia |
| Monsinjur Inkwiżitur | Victor Debono |
| Gwardjan | Joe Cortis |
| Mirjam | Alexandra Vella |
| Karlos | David Ellul, Jonathan Grima |
| Suldat, Mastrudaxxa, Kortiġjan, Ribell, Servjent | Charles Sammut |
| Suldat, Paġġ, Kortiġjan, Ribell | Joe Pace |
| Xiħ | Michael Tabone |
| | |
| Kitba | Vincent Vella |
| Direzzjoni | Josette Ciappara |
| Mużika | Ruben Zahra |
| Pjanista | Tricia Dawn Williams |

*Kru Tekniku*

| | |
|---|---|
| Disinn tas-sett | Adrian Mamo |
| Disinn tal-poster | Manuel Cauchi |
| Ritratti ta' pubbliċità | Manuel Cauchi/Michael Xuereb |
| Disinn u xogħol ta' kostumi | Janette Theuma |
| Xagħar ta' Ms. Farrugia | Leonard's Hairdressers, Sliema |
| Stage manager | Frank Tanti |
| Props | Joe Callus |
| Segretarja tal-produzzjoni | Sandra Bonnici McIntyre |
| Book | Elaine Saliba |
| Irtokk | Jackie u Anton Farrugia |
| Pubbliċità | JP Advertising |
| Stage hands | Frank Vella, Mario Mifsud, Silvan Mallia |

*Għat-Teatru Manoel*

| | |
|---|---|
| Dwal | Marvic Sultana |
| Mastrudaxxa | Anthony Mizzi |
| Biljetti | Michelle Mangion |
| Superviżjoni tat-Teatru | Charles Ferò |

*Hemm intervall wieħed ta' għoxrin minuta.*

# L-ATTURI







## MANUEL CAUCHI

Fost il-lista twila ta' rwoli li nterpreta Manuel Cauchi f'dawn l-aħħar 25 sena nsibu: Henry Hackmore f'*Seduced*, Arthur Christie f'*Who Killed Agatha Christie?*, Priuli f'*Life of Galileo*, Antony f'*Antony and Cleopatra*, Benedick f'*Much Ado about Nothing*, Touchstone f'*As YouLike It*, Macbeth f'*Macbeth*, King Claudius f'*Hamlet*, Jason f'*Medea*, Trofimov f'*The Cherry Orchard*, Henry VIII f'*Anne of the Thousand Days*, Thomas Becket f'*Becket*, Arthur Kipps f'*The Woman in Black*, Tiresias f'*Oedipus Rex*, The Writer f'*The Good Doctor*, Rubin Flood f'*The Dark at the Top of the Stairs*, Laurent f'*Therese Raquin*, *Ferdinand Clegg* f'*The Collector*, *David Kutrere* f'*Orpheus Descending*, *Doc Porter* f'*Come Back Little Sheba*, Anton Schill f'*The Visit*, The Chaplain f'*Mother Courage*, Gilles f'*Abelard and Heloise*, Dr.Furtwrangler f'*Taking Sides*, Paul Sheldon f'*Misery*, Bernard f'*Don't Dress for Dinner*, Duncan f'*Gun-Shy*, Jon f'*Tape*, Philip Gellburg f'*Broken Glass*, Robert f'*Proof*, Marc f'*Art*, King Lear f'*King Lear*, Mike f'*Memory of Water*, Larry f'*Closer*, il-Markiż De Sade f'*Marat Sade*, Billy f'*Five Kinds of Silence*, u Trigorin f'*Il-Gawwija*.

## ANTHONY ELLUL

Anthony Ellul ilu 'l fuq minn għoxrin sena attiv fix-xena teatrali. Wara li spiċċa l-MTADA ingħaqad mal-grupp Actors Studio Tignè u ħadem f'*Caligula* ta' Camus, *The Jew of Malta* ta' Marlowe, u *The Maids* ta' Jean Genet. Ma' kumpaniji oħrajn ħadem diversi partijiet ewlenin, fosthom Biff f'*Death of a Saleman*, Otello fid-dramm ta' l-istess isem, Andri f'*Andorra*, Alex f'*Dubhan* ta' Vince Vella, Richard f'*Il-Ġaħan ta' Binġemma* ta' Francis Ebejer, u Stiefnu f'*It-Tfal ta' Nikol Grixti* ta' Alfred Sant. Fl-1998 Anthony għaqqad il-kumpanija Teatru Menz, u magħhom ħadem Randal f'*One Flew Over the Cuckoo's Nest*, Mefisto fil-*Faust* ta' Goethe, Caligula fid-dramm ta' Camus, Jake La Motta f'*Raging Bull: The Jake La Motta Story*, u Matt Poncelet f'*Dead Man Walking*. F'dawn l-aħħar tnejn huwa kien ukoll id-direttur. Fuq it-televixin deher fil-parti ta' Ġakbu f'*Wirt* u l-Ministru Patrick Debono f'*Viva l-Ministru*.

## STEPHANIE FARRUGIA

Stephanie Farrugia kisbet it-taħriġ tagħha fl-MTADA. Ħadmet ukoll f'bosta *workshops*/proġetti, ma' Jon Wright, Gugliermo Horta, Edward Bond, Cecily O'Neill u Kneehigh Theatre fost oħrajn. Fit-Teatru Manoel hija ħadet sehem f'xogħlijiet li kienu jinkludu *Il-Kerrejja*, *A View from the Bridge*, *Abelard and Heloise* u *Anne of the Thousand Days*. Ħadet sehem ukoll fid-drammi ta' Shakespeare: *Hamlet* u *Macbeth* għall-MADC, u *King Lear* għal Theatreworx, il-kumpanija li hi waqqfet fl-2001 flimkien ma' Manuel Cauchi. Għal Theatreworx ukoll hija ħadmet fi *Closer* ta' Patrick Marber, *The Memory of Water* ta' Shelagh Stephenson, u *Marat/Sade* ta' Peter Weiss. Fl-2004 Stephanie waqqfet il-kumpanija Teatru Ad Hoc, liema kumpanija tellgħet il-produzzjoni *Il-Gawwija* ta' Anton Chekhov. Stephanie taħdem mad-Drama Unit fil-qasam ta' l-edukazzjoni, fejn tispeċjalizza f'xogħol *'devised'* ta' teatru u letteratura għall-istudenti fi skejjel sekondarji.



**CULTURE 2000**
is a European Union programme supporting transnational cooperation projects in the areas of:

**Performing Arts**
**Visual Arts**
**Cultural Heritage**
**Books, Reading & Translation**

Both private and public cultural entities can have the opportunity to participate in a European Union project together with organisations from other countries

**ENRICH YOUR ENCOUNTERS**

**....**

**EMBARK ON AN INNOVATIVE AND CREATIVE CULTURE 2000 PROJECT**

**Culture 2000**
**Cultural Contact Point Malta**
EU Affairs, Policy Development & Programme Implementation Directorate
Ministry for Tourism and Culture
Auberge d'Italie
Merchants Street
Valletta CMR02

**Tel:** +356 2298 1306
**Fax:** +356 2298 1309
**Email:** marika.a.grech@gov.mt

dESIGN by Antonella Seguna

Education and Culture
**Culture 2000**

# The Theatre Museum

***A walk through Malta's theatrical history since 1732***

1732



The Teatru Manoel's unique Museum of the Performing Arts has earned much praise since its official opening on 22 October 1997. Its splendid collection of theatrical memorabilia, costume 'abozzi', restored theatre costumes, original plans, models and historical photos cover 300 years of Maltese theatre history. The Museum emphasizes mainly the history of Malta's two leading theatres, the Manoel and the Royal Opera House, but other theatrical venues in Malta have not been ignored.

Guided Tours:
Mondays to Fridays:
10.30am • 11.30am • 5.15pm
Saturdays:
11.30am
(entrance via the Theatre Shop)

Tickets: Lm1.70
(Students in school-organized visits Lm0.25)

**Group and school bookings: Manoel Theatre Booking Office or phone 21 246389**

**Enquiries: phone 21 242977, 21 224515**


# L-ATTURI

JOE CORTIS beda t-teatru ta' 14-il sena mal-Kumpanija Drammatika ta' Ħaż-Żebbuġ imma kellu jieqaf sitt snin wara. Meta rritorna għall-palk ta' 48 irrealizza li t-teknika tar-reċtar kienet inbidlet sewwa. Għalhekk ħtieġlu jattendi kors ma' l-MTADA. Minn hemm deher f'*Sinjuri tal-Baħar* ta' Ibsen, *Tartuff* ta' Molière, *L-Imnarja Żmien il-Qtil* ta' Ebejer, *Il-Festa bil-Bandieri* ta' Calleja, u *Il-Gawwija* ta' Ibsen, kif ukoll fi drammi fuq it-televiżjoni u r-radju.

VICTOR DEBONO tħarreġ fl-MTADA, l-Università ta' Perugia, u l-Akkademja Webber Douglas. Dan l-aħħar ha sehem f'dawn il-produzzjonijiet: *All's Well that Ends Well, King Lear*, żewġ proġetti ta' Kneehigh, grupp minn Cornwall, fil-Birgu, u *Marat Sade*. L-aktar rwol riċenti kien dak ta' Medvedienko f'*Il-Gawwija* ta' Chekhov. Huwa għalliem mad-Drama Unit fejn jaħdem fuq proġetti ta' 'Theatre in Education' u jagħti *drama workshops* f'diversi skejjel. Dalwaqt se jieħu grupp ta' tfal biex jirrappreżentaw lil Malta f'festival ta' Teatru tat-Tfal f'Ostuni, l-Italja, bi produzzjoni ta' *Is-Seba' Tronġiet Mewwija*.

DAVID ELLUL jattendi l-Kulleġġ ta' Stella Maris. Din hi t-tieni esperjenza tiegħu fuq il-palk wara *Dead Man Walking*, produzzjoni ta' Teatru Menz.

JONATHAN GRIMA ilu tliet snin jikkonċentra fuq it-teatru fiżiku, mima u kummiedja fi dwett bl-isem ta' *Urbania*. Huwa l-fundatur ta' *helptheblindartist*, organizzazzjoni bil-għan li tħeġġeġ l-arti kontemporanja. Ipparteċipa f'festival internazzjonali tad-drama fl-Awstrija fejn *Urbania* ġiet mistiedna tipproduċi *Lucifero*. Ħadem ukoll ma' *kneehigh theatre* f'Ċipru u Malta u aktar tard dissena fl-Ingilterra.

JOE PACE beda jirreċta ta' età żgħira. Kien wieħed mill-fundaturi tal-kumpanija MASK fejn ħadem att ta' rwoli taħt diretturi differenti. Wara li spiċċa l-Università kompla jkabbar ir-repertorju tiegħu bi rwoli impenjattivi fi produzzjonijiet sew bl-Ingliż u sew bil-Malti: *Il-Belliegħa fil-Bir, Laughing Wild, Is-Siġra, How the Other Half Loves, Ċella 5, The Fall of the House of Usher*, u *Lubien*. Ħadem fuq ir-radju u t-televixin, inkluż fuq stazzjonijiet barranin, u kiteb ukoll xogħol għall-palk u r-radju.

CHARLES SAMMUT għamel kors ta' seba' snin fl-Akkademja Drammatika tat-Teatru Manoel; illum jgħallem l-Ingliż fil-Junior College u d-drama *part-time*. Ħadem partijiet prinċipali u sekondarji fi produzzjonijiet klassiċi u kontemporanji mtellgħin f'diversi teatri f'Malta. Partijiet li ħadem jinkludu Richard f'*Hitan*, Roy f'*Così*, Faust f'*Dr.Faustus*, Dale Harding f'*One Flew Over the Cuckoo's Nest*, Hector f'*Iż-Żjara*, Don Kixott f'*Don Quixote u Sancho Panza*, u Kent f'*King Lear*. Ippreżenta u ħa sehem f'diversi serje televiżivi bħal *Anġli, Delitti f'Malta*, u *Għada Jisbaħ Ukoll*. Hu wieħed mill-fundaturi tal-KAST li tella' xogħlijiet bħal *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri, Siegħet Sansun*, u *Lubien*. Kellu l-opportunità jidderieġi u jirreċta f'xogħlijiet teatrali f'festivals fil-Kanada, Franza, Sqallija u l-Awstrija.

MICHAEL TABONE ħa sehem f'għadd kbir ta' drammi f'teatri lokali. Ħadem partijiet importanti fi drammi ta' awturi lokali, bħalma huma *Menz u Hitan* ta' Francis Ebejer, *1919* ta' Ġużè Chetcuti, *Is-Surmast* u *Ħanut tal-Ħelu* ta' Trevor Żahra, *Meta se Jisbaħ?* ta' Joe Vella Bondin, *Il-Mostru ta' Selmun* ta' John Suda, *Rewwixta* ta' Oliver Friggieri, *Tkun darb'oħra Mikelanġ* u *Trappisti* ta' Joe Friggieri, u *Dubban, Għax Hekk* u *Ħal Tmiem* ta' Vincent Vella. Ħa sehem ukoll f'radjudrammi u sensiliet televiżivi.

ALEXANDRA VELLA tħarrġet fiċ-Ċentru tad-Drama Mikelanġ Borg. Ħadet sehem f'*Il-Fidwa tal-Bdiewa, Żwieġ tad-Demm, Is-Siġra, Twelfth Night, Menz, Under Milk Wood*, u *Lisistrata*, produzzjoni li anki ttellgħet f'Acriede, Sirakusa. Hija għalliema tad-Drama Unit fejn tgħallem 'Drama in Education' u anki tieħu ħsieb produzzjonijiet f'diversi skejjel. Kienet involuta fi proġett 'Comenius' fejn tat *workshops* ta' drama fi skola sekondarja fis-Slovenja. L-esperjenza tagħha fuq it-televixin tinkludi sehem għal sena sħiħa fis-serje *Ipokriti*.

# TEATRU MANOEL FESTA BAROKKA 2005

1732

PROGRAMME

MONDAY 9 MAY at 18.30hrs - The Music Room, St. James Cavalier, Valletta
**'BAROQUE CONNECTIONS'**
A Seminar organised by the International Institute for Baroque Studies, University of Malta, with a talk by Mro Joseph Vella on baroque music.
*Entrance Free - All are welcome.*

---

TUESDAY 10 MAY at 19.30hrs - Teatru Manoel
**FLORILEGIUM (UK) 'THE ITALIAN CONNECTION'**
Uccellini, Rossi, G. Frescobaldi, D. Gabrielli, Locatelli, Vivaldi, Corelli.

Ashley Solomon ~ flute/recorder
Sarah Moffat ~ violin
Jennifer Morsches ~ cello
James Johnstone ~ harpsichord

---

SATURDAY 14 MAY at 19.30hrs - Teatru Manoel
**ENSEMBLE EUROPÉEN WILLIAM BYRD (FRANCE) 'THE FRENCH CONNECTION'**
Charpentier, Dumont, Willaert, Lejeune, Manchicourt, Janequin, Certon, Lambert, Moulinie,

Graham O'Reilly ~ director
Catherine Greuillet ~ soprano
Raphaele Kennedy ~ soprano
Brigitte Vinson ~ mezzo
Bruno Boterf ~ tenor
Marco Horvat ~ bass
Yannick Varlet ~ harpsichord

L'ENSEMBLE EUROPÉEN WILLIAM BYRD is supported by the French Ministry of Culture (DRAC Ile de France), by the General Council of the Val d'Oise, by the town of Sannois and by Spedidam. It is a member of the FEVIS

---

BOOKING OFFICE
116, Old Theatre Str., Valletta VLT 07 Malta.
Tel: 2124 6389 Fax: 2123 7340 E-mail: bookings@teatrumanoel.com.mt

OPENING HOURS
**MONDAY TO FRIDAY** morning 10.00am - 12.30pm afternoon 5.00pm - 7.00pm
**SATURDAY** morning 10.00am - 12.00 noon

ON-LINE BOOKINGS NOW AVAILABLE www.teatrumanoel.com.mt


"THE WHOLE
world steps
aside for the
man who
knows where
he is going."
UNKNOWN

KEEP WALKING™

Johnnie Walker™
SCOTCH WHISKY

M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.

Tel: 25528000 Fax: 25522992 www.winesandspirits.com.mt

TEATRU MANOEL



Old Theatre Street,
Valletta VLT 12, Malta

Tel: (+356) 21 246389 Fax: (+356) 21 237340

www.manoeltheatre.com
e-mail: bookings@teatrumanoel.com.mt